

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.7.2010
SEG(2010) 851

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Dokument ta' akkumpanjament għall-

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi

{KUMM(2010) 372 finali}
{SEG(2010) 850}

WERREJ

1.	Introduzzjoni	2
2.	Definizzjoni tal-problema	2
2.1.	L-għeluq probabbli ta' minjieri tal-faħam f'bosta Stati Membri	2
2.2.	L-impatt soċjali tal-għeluq tal-minjieri	3
2.3.	L-impatt ambjentali tal-għeluq tal-minjieri.....	3
2.4.	Impatt marġinali fuq is-sikurezza tal-provvista tal-enerġija fil-livell tal-UE	4
3.	Objettivi.....	4
4.	Għażliet ta' politika	5
5.	Analiżi tal-impatti	6
5.1.	Għażla 1: ix-xenarju bażiku – ir-regoli ġenerali tal-ghajjnuna mill-Istat.....	6
5.2.	Għażla 2: Linjigwida tal-Kummissjoni.....	6
5.3.	Għażla 3: ghajjnuna għall-produzzjoni	7
5.4.	Għażla 4: ghajjnuna biex tkopri kostijiet eċċezzjonali (responsabilitajiet li jintirtu) ...	7
5.5.	Għażla 5: l-għażliet nru 3 u 4 flimkien	7
5.6.	Għażla 6: titwil b'għaxar (10) snin tar-Regolament dwar il-Faħam attwali.....	7
6.	Paragun tal-alternattivi	8

1. INTRODUZZJONI

L-ghajjnuna lill-industrija tal-UE tal-antraċit (hard coal) hija rregolata bi strumenti legali speċifiċi għas-settur: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1407/2002 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar *ghajjnuna mill-Istat lill-industrija tal-Faħam* (ir-"Regolament dwar il-Faħam").

Dan ir-Regolament japplika għall-antraċit (hard coal) biss. Tipi oħra ta' faħam, bħall-ortho-lignite, huma koperti mir-regoli ġenerali tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

2.1. L-għeluq probabbli ta' minjieri tal-faħam f'bosta Stati Membri

Ir-Regolament dwar il-Faħam jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010. Fin-nuqqas ta' qafas legali ġdid li jippermetti ċerti tipi speċifiċi ta' ghajjnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam, l-Istati Membri jistgħu jagħtu ghajjnuna biss fi ħdan il-limiti previsti mir-regoli tal-ghajjnuna mill-Istat applikabbli għas-setturi kollha.

Meta mqabbla mar-Regolament dwar il-Faħam, ir-regoli ġenerali tal-ghajjnuna mill-Istat inaqqsu l-possibilitajiet ta' ghajjnuna mill-Istat lil-industrija tal-faħam, speċjalment iżda mhux

biss fir-rigward ta' għajnuna għall-produzzjoni. Madanakollu, skont studju riċenti¹, xi Stati Membri qed jiffaċċjaw kostijiet ta' produzzjoni għoljin ħafna meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq kurrenti u mbassra u għalhekk illum, u wisq probabbli fil-futur, għandhom produzzjoni tal-antraċit li mhux ekonomikament kompetittiva: jispikkaw speċjalment il-Ġermanja, ir-Rumanija u Spanja. Iżda anki l-industrija tal-minjieri tal-faħam fl-Ungerija u s-Slovakkja tista' ma tibqax kompetittiva. Il-minjieri tal-faħam ta' dawn il-pajjiżi qegħdin fil-periklu ta' għeluq wara l-iskadenza tar-Regolament dwar il-Faħam.

2.2. L-impatt soċjali tal-għeluq tal-minjieri

Skont il-politiki attwali, madwar 27000 ħaddiem tal-minjieri ser ikunu għadhom impjegati fil-Ġermanja u Spanja fl-2010, iżda jistgħu jitilfu xogħolhom fin-nuqqas ta' għajnuna għall-produzzjoni. Fir-Rumanija, l-Ungerija u s-Slovakkja, 15000 impjieg ieħor tal-ħaddiema tal-minjieri jistgħu jkunu mhedda bil-waqfien tas-sussidji. Meta jkunu kkunsidrati l-impjegi f'industriji relatati, **sa 100000 impjieg – 42000 impjieg fl-industrija tal-faħam u iżjed minn 55000 impjieg f'industriji relatati - jistgħu jkunu f'periklu.**

Waq t li l-impjegi mitlufa s-soltu jkollhom impatt limitat fuq iċ-ċifri tal-qgħad fuq livell tal-UE u dak nazzjonali, **l-impatt tagħhom fuq reġjuni speċifiċi tal-minjieri tal-faħam** jista' jkun sinifikanti, speċjalment fil-Ġermanja, Spanja u r-Rumanija. **L-għeluq immedjat tal-minjieri mhux kompetittivi jiffa' piż żejjed fuq is-swieq tax-xogħol reġjonali li jfuru bil-ħaddiema tal-minjieri qiegħda**, li ma jkunux jistgħu jkunu impjegati mill-ġdid f'industriji oħra malajr biżżejjed u għalhekk hemm ir-riskju li jkunu qiegħda għal żmien twil.

2.3. L-impatt ambjentali tal-għeluq tal-minjieri

Għeluq ta' minjieri tal-faħam **iwaqqaf l-impatt negattiv fuq l-ambjent immedjat tal-minjieri**, jiġifieri l-impatt viżwali u tal-biodiversità fuq il-pajsaġġ, l-impatt fuq l-ilma ta' taħt l-art u ċ-ċediment tal-ħamrija f'żoni ta' tħaffir taħt l-art u l-impatt permezz tal-iskart tal-minjieri. Iżda l-għeluq tal-minjieri jeħtieġ ukoll it-tindif u r-riabilitazzjoni tas-siti ta' tħaffir u l-finanzjament tagħhom irid jiġi żgurat.

Fir-rigward tal-aspett iktar globali tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra, l-impatt tal-għeluq tal-minjieri huwa inċert. Minkejja li t-tħaffir għall-faħam jirrilaxxa l-metan, gass qawwi b'effett serra, it-teknoloġiji tal-qbid tal-metan huma żviluppati sew f'xi Stati Membri li għandhom il-minjieri tal-faħam. Barra minn hekk, ladarba l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra huma problema globali u mhux lokali, l-inċertezza tikber meta l-emissjonijiet mill-ħruq tal-faħam waqt il-ġenerazzjoni tal-enerġija jkunu kkunsidrati.

Fil-fatt, f'impjanti tal-enerġija mħaddma bil-faħam, **faħam importat x'ahtarx jieħu post dak indiġenu.** Minn dan isegwi li l-impatt globali fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra jiddependi fuq l-emissjonijiet mit-tħaffir għall-faħam f'pajjiżi terzi u mit-trasport tal-faħam lejn l-UE. L-impatt fuq it-taħlita tal-enerġija tal-UE huwa limitat, almenu fit-terminu ta' żmien qasir jew medju.

¹ Valutazzjoni tal-bżonnijiet għal għajnuna mill-Istat għall-industrija tal-faħam, Ecorys, Diċembru 2008, studju ppreparat għall-Kummissjoni Ewropea, ara http://ec.europa.eu/energy/coal/consultations/2009_07_15_en.htm

2.4. Impatt marġinali fuq is-sikurezza tal-provvista tal-enerġija fil-livell tal-UE

Waqgħ il-konsultazzjoni pubblika li saret fid-dawl ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, il-partijiet involuti fl-industrija tal-faħam argumentaw li l-faħam issussidjat huwa essenzjali biex jiżgura l-provvista minħabba li l-preżenza ta' minjieri tal-faħam fl-Ewropa żżid id-diversità ġeografika tas-sorsi tal-enerġija u tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni.

Madanakollu, il-kontribuzzjoni zġhira tal-antraċit (hard coal) sussidjat għat-taħlita enerġetika globali tal-UE tillimita ħafna l-kapaċità ta' tali sussidji li jikkompensaw għat-tfixkil fil-provvista. Il-faħam issussidjat iservi biss għal 5.1% tal-produzzjoni tal-elettriċità fl-UE. Meta tkun ikkunsidrata biss iċ-ċifra biex tkopri t-telf fil-produzzjoni, din iċ-ċifra tonqos għal 1.4% (anke jekk din iċ-ċifra tista' tkun oġġla għal Stati Membri individwali).

Addizzjonalment, **il-possibbiltà ta' tfixkil fil-provvista tal-antraċit impurtat tidher li hi pjuttost limitata minħabba li s-suq dinji tal-faħam wera stabbiltà akbar minn swieq għal sorsi oħra ta' enerġija.** L-antraċit jista' jkun impurtat minn diversi pajjiżi ta' esportazzjoni. Il-volum tal-kummerċ dinji fl-antraċit ilu jiżdied b'medja ta' 7% kull sena mis-sena 2000. L-espansjoni kbira fil-kapaċità f'bosta pajjiżi, bħall-Indoneżja u r-Russja, tindika li jista' jkun mistenni li l-kummerċ globali jkompli jikber b'rata mgħaġġla fil-futur. Fid-dawl tal-proporzjoni baxxa tal-elettriċità ġenerata mill-faħam sussidjat, huwa dubjuż jekk strument għall-ġhajjnuna mill-Istat addizzjonali jkunx utli biex jindirizza t-tħassib dwar is-sikurezza f'dak li għandu x'jaqsam mal-provvista.

Fir-rigward ta' konġestjonijiet għal qasir żmien, studji jindikaw li l-ħażna ta' faħam impurtat hija iktar effiċjenti biex tiżgura is-sikurezza tal-provvista mis-sussidjar tal-produzzjoni tal-antraċit domestika.

3. OBJETTIVI

L-obiettivi orizzontali, iktar wiesgħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġhajjnuna mill-Istat u tal-faħam jistgħu joħorġu mill-**Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija**² – kif approvata mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill tal-Ministri - **il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġhajjnuna mill-Istat**³ u l-**Programm ta' Azzjoni Ambjentali 2002-2012**⁴: il-Kummissjoni tixtieq tapplika regoli orizzontali dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fl-iktar setturi possibbli u fir-rigward tal-politika dwar l-enerġija tiffavorixxi ċaqliq lejn sorsi rinnovabbli tal-enerġija u użu ambjentalment sostenibbli tas-sorsi tal-enerġija indiġeni.

Sostenn indefinit għat-tħaffir għall-faħam ma jaqbilx mal-obiettivi wiesgħa tal-politika tal-Kummissjoni, speċjalment meta jmur kontra sforzi biex tiżdied il-kompetittività jew bidla għal sorsi rinnovabbli tal-enerġija, anke jekk l-impatt fuq il-kompetizzjoni tiegħu jkun

² Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - It-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija : pjan ta' azzjoni tal-UE għas-sigurtà u s-solidarjetà tal-enerġija, 13.11.2008, COM(2008) 781 finali

³ COM(2005) 107 finali, disponibbli onlajn fuq http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/others/action_plan/saap_en.pdf.

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali, ĠU L242, 10.9.2002. p.1 – ara l-Artikolu 5(2)

pjuttost limitat⁵. Iżda fl-istess waqt, l-għeluq ta' minjieri mhux kompetittivi jista' jkollu konsegwenza fuq livell soċjali u ambjentali li jeħtieġ li jkunu indirizzati.

Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-objettiv tal-politika li l-valutazzjoni attwali tindirizza bħala li **timminimizza l-effetti negattivi possibbli tal-għeluq tal-minjieri li jistgħu jsegwu t-tneħħija gradwali tas-sussidji., speċjalment fir-rigward tal-aspetti soċjali u ambjentali tagħhom filwaqt li jkunu minimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.**

4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Ġew meqjusa il-ħames għażliet ta' politika li ġejjin:

(1) Għażla 1: ix-xenarju bażiku

Skont ix-xenarju bażiku, il-Kummissjoni ma tipproponix strument legali ġdid speċifiku għas-settur applikabbli wara l-iskadenza tar-Regolament dwar il-Faħam. Mill-2011, għas-settur tal-antraċit ikunu japplikaw biss ir-regoli ġenerali dwar l-għajjnuna mill-Istat.

(2) Għażla nru 2: Linjigwida tal-Kummissjoni

Skont l-għażla nru 2, il-Kummissjoni tadotta linjigwida bbażati fuq l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jkunu simili għal dawk adottati fis-setturi tal-bini tal-vapuri u tal-azzar u li jippermettu lill-Istati Membri li jagħtu għajjnuna limitata għall-għeluq bħala għajjnuna biex tkopri pagamenti mill-impriżi tal-faħam lill-ħaddiema li jitkeċċew jew biex jaċċettaw irtirar kmieni minħabba l-għeluq tal-minjieri, il-kostijiet biex tali ħaddiema jinagħtaw pariri u l-kostijiet biex jingħataw taħriġ vokazzjonali mill-ġdid. Tista' wkoll tkopri l-kostijiet biex jitlestew kuntratti li jkunu għaddejjin (għal massimu ta' sitt (6) xhur) jew il-kostijiet relatati mal-kanċellazzjoni ta' tali kuntratti, skont liema minn dawn jkun l-irħas. Barra minn hekk, tista' tkopri n-nefqa mġarrba għat-tindif u r-riabilitazzjoni immedjati tas-siti ta' produzzjoni.

Dawn il-linjigwida jiskadu fl-aħħar tal-2013 minħabba li l-miżuri ta' għajjnuna għandhom jikkonċernaw biss lill-minjieri tal-faħam li jagħlqu fil-kuntest tal-iskadenza tar-Regolament dwar il-Faħam.

(3) Għażla 3: Regolament tal-Kunsill li jippermetti għajjnuna operattiva għal żmien limitat (għajjnuna ta' għeluq)

Skont l-għażla nru 3, il-Kummissjoni tipproponi Regolament tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(e) TFUE. Ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jagħtu għajjnuna operattiva ċarament digressiva mmirata biex tkopri t-telf mill-produzzjoni attwali sakemm takkompanja l-istralċ ordnat tal-attivitajiet fil-kuntest ta' pjan definit tajjeb għall-għeluq tal-minjiera (tikkonċerna biss minjieri li diġà jeżistu). Dan ikun tneħħija gradwali tal-għajjnuna operazzjonali matul perjodi massimu ta' 10 snin u mhux aktar tard mill-2020 u b'digressività ta' almenu 10% fis-sena.

⁵ Hija waħda mill-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Faħam attwali li ma jkunx hemm impatt tas-sussidji tal-faħam fuq il-prezzijiet tal-elettriċità (ara l-Artikolu 4(c) u (e) tar-Regolament dwar il-Faħam u l-Anness 3 tiegħu)

- (4) Għażla 4: Regolament tal-Kunsill li jippermetti għajjnuna biex jiġu koperti kostijiet eċċezzjonali (responsabbiltajiet soċjali u ambjentali li jintirtu)

Skont l-għażla nru 4, il-Kummissjoni tipproponi Regolament tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artiklu 107(3)(e) TFUE. Dan ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jagħtu għajjnuna għall-kostijiet soċjali u ambjentali marbuta mal-għeluq tal-minjieri tal-faħam, bħal benefiċċji soċjali u kostijiet relatati mar-riabilitazzjoni tas-siti preċedentament użati għal minjieri tal-faħam, kif spjegat fl-Anness tar-Regolament dwar il-Faħam attwali.

- (5) Għażla 5: l-għażla 3 u l-għażla 4 flimkien

Skont l-għażla nru 5, il-Kummissjoni tipproponi Regolament tal-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(e) TFUE li jippermetti lill-Istati Membri jagħtu kemm għajjnuna għall-għeluq (bħal fl-għażla 3) kif ukoll għajjnuna li tkopri kostijiet eċċezzjonali (bħal fl-għażla 4)

- (6) Għażla 6: titwil b'għaxar (10) snin tar-Regolament dwar il-Faħam attwali

F'konformità mal-għażla preferut mill-biċċa kbira tal-partijiet involuti mis-settur tal-faħam, skont l-għażla 6, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill biex itawwal ir-Regolament tal-Kunsill 1407/2002 - kif inhu llum- b'10 snin oħra, jiġifieri sal-aħħar tal-2020. Din tkun tvarja mill-għażla 5 bil-karatteristiċi li ġejjin:

- Għajjnuna għall-produzzjoni tista' tkun awtorizzata abbażi tal-Artikolu 5(3) jekk l-operazzjoni tal-unitajiet ta' produzzjoni kkonċernati tagħmel parti minn pjan ta' aċċess għal riservi tal-faħam; għalhekk, ma jkun hemm l-ebda kondizzjonalità dwar l-għeluq ta' dawn il-minjieri;
- L-għajjnuna għall-produzzjoni teħtieġ li tkun digressiva sabiex tirriżulta fi tnaqqis sinifikanti, iżda l-ebda rata ta' tnaqqis partikolari ma tkun imposta;
- Tista' tingħata għajjnuna għal investment inizjali li tkun sa 30% tal-kost tal-investment totali.

5. ANALIŻI TAL-IMPATTI

5.1. Għażla 1: ix-xenarju bażiku – ir-regoli ġenerali tal-għajjnuna mill-Istat

Ix-xenarju bażiku diġà ġie deskritt fit-Taqsima 2. L-għażliet l-oħra huma valutati meta mqabbla ma' dan il-punt ta' tluq.

5.2. Għażla 2: Linjigwida tal-Kummissjoni

L-impatt tal-għażla nru 1 mhux fundamentalment differenti mill-għażla nru 2. Safejn l-Istati Membri jagħtu għajjnuna kif permess skont l-għażla nru 2, din twassal għall-istess nuqqas fil-produzzjoni u l-istess telfien ta' impjeggi. Id-differenza qiegħda fil-possibbiltà mogħtija mill-għażla nru 2 li l-għeluq tal-minjiera jkun organizzat b'mod ordnat u saħansitra li jkun ritardjat għal ftit xhur biex jitlestew kuntratti li jkunu għaddejnin. Tgħin biex ikunu organizzati aħjar l-aspetti soċjali tal-għeluq b'appoġġ iktar dirett lill-ħaddiema kkonċernati, fil-forma ta' taħriġ mill-ġdid, għoti ta' pariri, eċċ (li jmur lil hinn dak li hu previst fid-drittijiet statutorji). Il-finanzjament tar-responsabbiltajiet ambjentali jkunu koperti aħjar waqt li l-minjiera tkun fil-proċess ta' għeluq.

5.3. Għażla 3: għajnuna għall-produzzjoni

Safejn l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jagħtuha billi jkopru t-telf operattiv, l-għajnuna għall-produzzjoni għandha l-kapaċità li tħalli minjieri mhux kompetittivi miftuħin. Ma ssalvax impjegi permanenti, iżda tippermetti tnaqqis gradwali tan-numru tal-ħaddiema u tipprovdi ż-żmien meħtieġ biex jiġu kkunsidrati l-istruttura tal-età tal-ħaddiema (irtirar bikri u irtirar), il-"flussi ta' tluq naturali" (ma jiddaħħal ħadd flok il-ħaddiema li jkunu qed jitolqu) u l-kwalifiki tagħhom (jingħata taħriġ mill-ġdid lill-ħaddiema biex dawn ikunu jistgħu jsibu impjieg f'attivitajiet oħra). Tippermetti t-tnaqqis fil-produzzjoni ta' minjiera mhux kompetittiva billi timminimizza n-numru dirett ta' ħaddiema imkeċċija u billi timmassimizza l-miżuri akkumpanjanti li jippermettu l-allokazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema f'attivitajiet oħra.

L-impatt negattiv dirett fuq l-ambjent tat-tħaffir ikompli sakemm tkompli l-produzzjoni, iżda l-impatt tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra mill-użu tal-faħam jibqa' inċert fid-dawl tas-sostituzzjoni estensiva mill-faħam impurtat. L-għeluq gradwali jista' madanakollu jiffaċilita l-miżuri preventivi biex jiġi protett il-pajsaġġ fil-wiċċ.

L-ssperjenza fir-rikonverżjoni ekonomika u reġjonali wriet li s-suq tax-xogħol jista' jassorbi ħaddiema mkeċċija aħjar jekk it-tkeċċija tkun mifruxa fuq tul ta' żmien. Hija tippermetti l-implimentazzjoni iktar faċli tal-programmi ta' għoti ta' pariri u taħriġ mill-ġdid u tevita li biċċa kbira minn dawk li kienu impjegati fil-minjieri tal-faħam jispiċċaw qiegħda fit-tul.

5.4. Għażla 4: għajnuna biex tkopri kostijiet eċċezzjonali (responsabilitajiet li jintirtu)

Din l-għażla tippermetti lill-Istati membri jiżguraw il-finanzjament ta' responsabilitajiet ta' natura soċjali (pereżempju taħriġ mill-ġdid, pensjonijiet, eċċ) u dawk ta' natura ambjentali (pereżempju tindif u riabilitazzjoni), pereżempju fil-kuntest tal-għeluq gradwali tal-minjieri tal-faħam.

Tali għajnuna tista' tippermetti lill-kumpanija tat-tħaffir li ma tirriallokax riżorsi minn siti ta' tħaffir oħra li jkunu potenzjalment kompetittivi, għall-minjieri li għandhom jingħalqu.

5.5. Għażla 5: l-għażliet nru 3 u 4 flimkien

Fil-każ ta' għeluq gradwali tal-minjieri tal-faħam, huwa probabbli li tkun meħtieġa għajnuna għar-responsabilitajiet li jintirtu flimkien ma' tipi oħra ta' għajnuna, prinċipalment għajnuna operattiva.

L-impatt f'termini ta' produzzjoni u impjegi jkun simili ħafna għal dak tal-għażla nru 3, iżda fil-każ tal-għażla nru 5, ikun possibbli li jkun żgurat aħjar li jittieħed ħsieb tar-responsabilitajiet soċjali u ambjentali li jintirtu matul il-perjodu ta' għeluq gradwali.

5.6. Għażla 6: titwil b'għaxar (10) snin tar-Regolament dwar il-Faħam attwali

Bit-titwil sempliċi tar-Regolament it-tip ta' għajnuna attwalment mogħtija tista' tkun estiża. Din l-għażla tista' tippermetti lill-Istati Membri jitbiegħdu mill-objettiv tal-politika billi sempliċiment ikompli jipprovdu għajnuna għall-produzzjoni lil minjieri li mhumiex kompetittivi mingħajr impenn ċar li jagħlqu. Minn dan joħroġ li l-istess impriżi tal-minjieri jistgħu jkunu għadhom mhux kompetittivi fid-data ta' skadenza ġdida tar-Regolament 10 snin oħra. Il-problema sottostanti ta' nuqqas ta' kompetittività ma tkunx solvuta, iżda biss posposta.

Fir-rigward tal-ghajjnuna għall-investment li tista' tkun awtorizzata skont din l-għażla, din ma tistax tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-politika attwali, jiġifieri bħala miżura li takkumpanja l-għeluq tal-minjieri. Tabilħaqq, l-ghajjnuna għall-investment iktar tippromwovi l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda jew iż-żieda fl-effiċjenza, li t-tnejn li huma huma irrilevanti fl-għeluq ta' minjiera tal-faħam.

6. PARAGUN TAL-ALTERNATTIVI

Il-valutazzjoni tagħti stampa kontrastanti tal-impatt tal-għażliet varji ta' politika.

Minn **perspettiva ekonomika**, l-għażla nru 2 (il-Linjigwida) tidher preferibbli mix-xenarju bażiku f'termini ta' mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku dirett fuq ir-reġjuni u l-industriji l-iktar ikkonċernati.

Minn **perspettiva soċjali**, l-għażla nru 5 toffri l-aħjar possibilitajiet biex jittaffa l-impatt negattiv tal-għeluq tal-minjieri, speċjalment fid-dawl tal-konċentrazzjoni ġeografika tal-impatt.

Minn **perspettiva ambjentali**, ir-riżultati huma inċerti. Għalkemm l-ambjent immedjat tal-minjieri ċertament jibbenefika minn waqfien tal-produzzjoni immedjat jew kważi immedjat (l-għażliet nru 1, 2 u 4), l-istampa mhux ċara fir-rigward tal-emissjonijiet globali tal-gass b'effett serra meta l-emissjonijiet mill-ħruq tal-faħam mill-produtturi tal-elettriċità jiġu kkunsidrati. Din l-inċertezza tirriżulta mir-rata għolja ta' sostituzzjoni tal-faħam lokali mill-faħam impurtat. Għalkemm din mhux ser tkun sostituzzjoni 100%, id-differenza bejn l-għażliet ta' politika tiddependi fuq il-modalitajiet tal-politiki nazzjonali dwar preferenza għall-bidla lejn sorsi oħra ta' enerġija.

Kollox ma' kollox, l-għażliet nru 2 u 5 jispikkaw bħala l-iktar adegwati biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika. L-għażla ta' waħda minn dawn iż-żewġ għażliet tiddependi fuq l-importanza li daww li jfasslu l-politika jagħtu lill-aspetti ekonomiċi fuq naħa u l-aspetti soċjali fuq in-naħa l-oħra.

Ta' min jiġi nnutat li l-għażliet varji valutati ġew imqabbla bil-preżunzjoni li l-Istati Membri kkonċernati fil-fatt jagħtu l-ghajjnuna kif permessa skont l-għażliet rispettivi. Regoli tal-ghajjnuna mill-Istat speċifiċi għas-settur jipprovdu biss il-possibbiltà – mhux l-obbligu – ta' ghajjnuna mill-Istat; il-valutazzjoni tal-impatt ma tistax tippresupponi d-deċiżjonijiet li l-Istati Membri ser jieħdu fir-rigward tal-ghajjnuna mill-Istat.